2025/2626

23.12.2025

Il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

(2025–2032)

WARA li kkunsidraw il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Partijiet, b'mod partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) u l-Unjoni Ewropea, u x-xewqa komuni tagħhom li jintensifikaw din ir-relazzjoni,

WARA li kkunsidraw il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook,

IL-PARTIJIET TA' DAN IL-PROTOKOLL JAQBLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Perjodu ta' applikazzjoni u opportunitajiet tas-sajd

1. Minkejja l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (il-"Ftehim"), dan il-Protokoll għandu japplika għal perjodu ta' 6 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu. Dan għandu jiġġedded b'mod taċitu għal perjodu addizzjonali ta' sena, sakemm ma jingħatax avviż ta' terminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan il-Protokoll, u ma għandux jiġi estiż wara t-13 ta' Ottubru 2032.

2. Mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim għandhom ikunu kif ġej:

(a) 4 bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża biex jistadu għall-ispeċijiet migratorji ħafna kif elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1982 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar;

(b) 40 jum ta' sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook fis-sena.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika soġġett għall-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jixtru jiem addizzjonali skont il-Kapitolu 2 tal-Anness.

4. Skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook dment li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd li tkun inħarġet skont dan il-Protokoll u f'konformità mal-Anness tiegħu.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja – Metodi tal-pagamenti

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għandha tkun ta' EUR 460 000. Il-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għall-Artikoli 4 u 7.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun magħmula minn żewġ elementi li ma humiex assoċjati ma' xulxin:

(a) ammont annwali ta' EUR 165 000 għall-aċċess għaż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook; u

(b) ammont annwali ta' EUR 295 000 għall-appoġġ u għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd u tal-politika marittima tal-Gżejjer Cook.

3. L-Unjoni għandha tħallas l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a) sa mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll għall-ewwel sena. Għal kull sena sussegwenti, il-ħlas għandu jsir mhux aktar tard mid-data li tikkorrispondi għad-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll.

4. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook u tal-Unjoni għandhom jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni biex jiżguraw ġestjoni xierqa tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni, filwaqt li jqisu l-qagħda tal-istokkijiet tal-ħut u l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti.

5. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook għandu jkollhom diskrezzjoni sħiħa fir-rigward tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a).

6. Kull element tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2 għandu jitħallas ġo kont tal-bank iddeżinjat tal-gvern miftuħ fil-Gżejjer Cook. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b) għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-entità rilevanti li tkun qiegħda timplimenta l-appoġġ settorjali tas-sajd. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook għandhom jipprovdu fi żmien dovut lill-awtoritajiet tal-Unjoni d-dettalji tal-kont tal-bank u informazzjoni dwar il-linja rilevanti tal-liġi bażitarja nazzjonali. Id-dettalji tal-kont tal-bank għandhom jinkludu tal-inqas dan li ġej: (i) l-isem tal-entità benefiċjarja; (ii) l-isem tad-detentur tal-kont tal-bank; (iii) l-indirizz tad-detentur tal-kont tal-bank; (iv) l-isem tal-bank; (v) il-kodiċi SWIFT; u (vi) in-numru IBAN.

Artikolu 3

Rieżami ta' nofs it-terminu tal-opportunitajiet tas-sajd

F'nofs it-terminu tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt għandu jivvaluta u, fejn ikun hemm qbil, jirrevedi: (i) l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1, sa fejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali jappoġġaw tali reviżjoni; u (ii) il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali msemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll u fil-paragrafu 31 tal-Anness tiegħu.

Artikolu 4

Appoġġ settorjali

1. L-objettiv ewlieni tal-appoġġ settorjali huwa li jikkontribwixxi għall-promozzjoni u għall-implimentazzjoni ta' sajd responsabbli fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook, biex jiggarantixxi l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd b'tali mod li jiżdied il-kontribut tas-settur tas-sajd għas-sigurtà alimentari, għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-iżvilupp ekonomiku.

2. Il-komponent ta' appoġġ settorjali se jgħin biex titwettaq il-wegħda li għamlu l-Gżejjer Cook fl-Aġenda Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2020+ tagħhom, b'mod partikolari l-Għan 11 tagħhom "Il-Bijodiversità u l-Ambjent Naturali Tagħna".

3. L-appoġġ settorjali jirrappreżenta ammont addizzjonali u komplementari għall-bażit operazzjonali domestiku allokat lill-Ministeru għar-Riżorsi tal-Baħar tal-Gżejjer Cook.

4. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-appoġġ settorjali huma stabbiliti fl-Appendiċi 3.

Artikolu 5

Kooperazzjoni dwar sajd responsabbli

1. Tul il-perjodu kopert minn dan il-Protokoll, filwaqt li jirrikonoxxu s-sovranità u d-drittijiet sovrani tal-Gżejjer Cook fejn jidħlu r-riżorsi tas-sajd tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll, skont il-bżonn, biex jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni statistika, bijoloġika, ekonomika, ta' konservazzjoni u ambjentali relatata mal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook għall-fini tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar.

3. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni responsabbli tas-sajd fi ħdan il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan, u kwalunkwe organizzazzjoni subreġjonali, reġjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

4. Il-Partijiet jistgħu jippromwovu wkoll il-kooperazzjoni f'oqsma addizzjonali relatati mal-ġestjoni effettiva u responsabbli tas-sajd. Dan jinkludi l-kooperazzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, l-aċċess għas-suq u l-appoġġ għall-kummerċ, u kooperazzjoni usa' fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd.

Artikolu 6

Prinċipji li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-impjieg

1. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol tas-sajjieda abbord il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx imorru kontra l-istrumenti applikabbli għas-sajjieda tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO, International Labour Organisation) u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) , b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol (1998), kif emendata fl-2022, u l-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd. Dan jinkludi: (i) ir-rispett għal-libertà ta' assoċjazzjoni; (ii) rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għal negozjar kollettiv; (iii) l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal; (iv) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u l-okkupazzjoni; u (v) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa u kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol deċenti abbord bastimenti tal-Unjoni.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jippromwovu taħriġ adegwat għas-sajjieda, inkluż taħriġ kif previst fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-OMI dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd.

3. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fid-dettall fil-Kapitolu 5 tal-Anness.

Artikolu 7

Eżami mill-ġdid min-naħa tal-Kumitat Konġunt tal-opportunitajiet tas-sajd u tad-dispożizzjonijiet tekniċi

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jivvaluta u jiddeċiedi li jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1, dment li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali jappoġġaw il-fatt li tali reviżjoni se tgħin biex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tat-tonn u tal-ispeċijiet simili għat-tonn fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent.

2. Meta l-Kumitat Konġunt jiddeċiedi li jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (a) għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonali għall-għadd ta' jiem ta' sajd li l-Gżejjer Cook se jagħmlu disponibbli għall-bastimenti tal-Unjoni. Madankollu, l-ammont annwali totali mħallas mill-Unjoni ma għandux jaqbeż id-doppju tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (a).

3. Il-Kumitat Konġunt jista' wkoll, kif ikun neċessarju, jeżamina kwalunkwe dispożizzjoni teknika ta' dan il-Protokoll u tal-Anness u l-Appendiċi tiegħu u jiddeċiedi li jadattahom bi ftehim komuni.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità u protezzjoni tad-*data*

1. Il-Gżejjer Cook u l-Unjoni għandhom jiżguraw li d-*data* skambjata skont il-Ftehim tintuża mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġijiet nazzjonali u għal finijiet ta' ġestjoni u monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tas-sajd.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiżguraw li d-*data* kollha kummerċjalment sensittiva u d-*data* personali relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba skont il-Ftehim, kif ukoll l-informazzjoni kollha kummerċjalment sensittiva relatata mas-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-Unjoni, jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-*data* aggregata relatata mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd biss issir pubblika.

3. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*.

4. Id-*data* personali skambjata skont il-Ftehim għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-Appendiċi 4. Il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel dwar aktar salvagwardji u rimedji legali fir-rigward tad-*data* personali u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

5. Id-*data* skambjata skont il-Ftehim għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Appendiċi 4 anke wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 9

Skambji elettroniċi tad-*data*

1. Il-Gżejjer Cook u l-Unjoni għandhom jikkooperaw biex jistabbilixxu sistemi, kif stabbilit fl-Anness, għall-monitoraġġ u għall-iskambju elettroniku tad-*data* u tad-dokumenti kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll fir-rigward tal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni.

2. Il-verżjoni elettronika ta' dokument għandha titqies li hija ekwivalenti għall-verżjoni stampata f'kull rigward.

3. Il-Gżejjer Cook u l-Unjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin mingħajr dewmien dwar kwalunkwe ħsara fis-sistema elettronika għall-iskambju tad-*data* użata għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Konsegwentement, l-informazzjoni u d-dokumenti relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jintbagħtu awtomatikament b'mod alternattiv ta' komunikazzjoni.

4. Ir-regoli dwar it-trażmissjoni tad-*data*, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tal-operat, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 10

Sospensjoni

1. Dan il-Protokoll, inkluż il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punti (a) u (b) jista' jiġi sospiż fuq l-inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet fil-każijiet u bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' terġa' tibda titħallas minnufih malli s-sitwazzjoni titreġġa' lura għal kif kienet qabel ma ġara dak li jissemma fl-Artikolu 13 tal-Ftehim jew malli tinstab soluzzjoni f'konformità mal-Ftehim.

Artikolu 11

Terminazzjoni

Dan il-Protokoll jista' jiġi tterminat fuq l-inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet fil-każijiet u bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14 tal-Ftehim.

Artikolu 12

Obbligi meta jiskadi jew jintemm dan il-Protokoll

1. Wara li dan il-Protokoll jiskadi jew jiġi tterminat f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim, is-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikomplu jkunu responsabbli għal kwalunkwe ksur tal-Ftehim jew ta' dan il-Protokoll jew ta' kwalunkwe liġi tal-Gżejjer Cook li jkun seħħ qabel ma dan il-Protokoll skada jew ġie tterminat, u għal kwalunkwe tariffa tal-liċenzja jew kwalunkwe ħlas dovut li ma jkunx tħallas fil-mument ta' tali skadenza jew terminazzjoni.

2. Meta jkun neċessarju, il-Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst skont l-Artikolu 2(2), il-punt (b), f'konformità mal-Artikolu 3(1) u r-regoli ta' implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

Artikolu 13

Applikazzjoni proviżorja

Malli l-Partijiet jiffirmaw dan il-Protokoll tibda l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel jidħol fis-seħħ.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dak l-iskop.

2. In-notifika li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat, f'dak li jirrigwarda lill-Unjoni, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 15

Testi awtentiċi

1. Dan il-Protokoll huwa mfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bin-Netherlandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, b'kull test awtentiku b'mod ugwali.

2. F'każ ta' diverġenza bejn it-testi ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni bl-Ingliż għandha tipprevali għall-finijiet tal-implimentazzjoni u tal-interpretazzjoni tiegħu.

Съставено в Брюксел на девети декември две хиляди двадесет и пета година.

Hecho en Bruselas, el nueve de diciembre de dos mil veinticinco.

V Bruselu dne devátého prosince dva tisíce dvacet pět.

Udfærdiget i Bruxelles den niende december to tusind og femogtyve.

Geschehen zu Brüssel am neunten Dezember zweitausendfünfundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne viienda aasta detsembrikuu üheksandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εννέα Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.

Done at Brussels on the ninth day of December in the year two thousand and twenty five.

Fait à Bruxelles, le neuf décembre deux mille vingt-cinq.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an naoú lá de Nollaig sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.

Sastavljeno u Bruxellesu devetog prosinca godine dvije tisuće dvadeset pete.

Fatto a Bruxelles, addì nove dicembre duemilaventicinque.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada devītajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų gruodžio devintą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év december havának kilencedik napján.

Magħmul fi Brussell, fid-disa' jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, negen december tweeduizend vijfentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dziewiątego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego piątego.

Feito em Bruxelas, em nove de dezembro de dois mil e vinte e cinco.

Întocmit la Bruxelles la nouă decembrie două mii douăzeci și cinci.

V Bruseli deviateho decembra dvetisícdvadsaťpäť.

V Bruslju, devetega decembra dva tisoč petindvajset.

Tehty Brysselissä yhdeksäntenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.

Som skedde i Bryssel den nionde december år tjugohundratjugofem.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За правителството на островите Кук
Por el Gobierno de las Islas Cook
Za vládu Cookových ostrovů
For Cookøernes regering
Für die Regierung der Cookinseln
Cooki saarte valitsuse nimel
Για την κυβέρνηση των Νήσων Κουκ
For the Government of the Cook Islands
Pour le gouvernement des Îles Cook
Thar ceann Rialtas Oileáin Cook
Za Vladu Cookovih otoka
Per il governo delle Isole Cook
Kuka Salu valdības vārdā –
Kuko Salų Vyriausybės vardu
A Cook-szigetek kormánya részéről
Għall-Gvern tal-Gżejjer Cook
Voor de regering van de Cookeilanden
W imieniu Rządu Wysp Cooka
Pelo Governo das Ilhas Cook
Pentru Guvernul Insulelor Cook
Za vládu Cookovych ostrovov
Za vlado Cookovih otokov
Cookinsaarten hallituksen puolesta
För Cooköarnas regering

ANNESS

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI AWTORIZZATI JISTADU FL-ILMIJIET TAS-SAJD TAL-GŻEJJER COOK

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Definizzjonijiet

1. "Awtorità kompetenti" tfisser:

   (a) fil-każ tal-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni"): il-Kummissjoni Ewropea;

   (b) fil-każ tal-Gżejjer Cook: il-Ministeru tar-Riżorsi tal-Baħar.

2. "Awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser dritt validu jew liċenzja biex jitwettqu attivitajiet tas-sajd, għal speċijiet speċifiċi, bl-użu ta' rkaptu speċifiku, fiż-żoni tas-sajd speċifikati f'konformità ma' dan l-Anness.

3. "*Force majeure*" tfisser it-telfien jew l-immobilizzazzjoni fit-tul ta' bastiment minħabba ħsara teknika serja.

4. "Jum ta' sajd" tfisser meta bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jwettaq kwalunkwe sajd matul jum kalendarju, jew f'parti mill-perjodu ta' 24 siegħa (00:00–24:00) ta' dak il-jum kalendarju, li matulu bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża tal-Unjoni jkun fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook, iżda ma jinkludix jum kalendarju, jew parti mill-jum kalendarju, iddeżinjat bħala jum mhux ta' sajd.

Kuntatti

5. Qabel ma jibda japplika b'mod proviżorju dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jiskambjaw id-dettalji ta' kuntatt kollha rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

6. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Paċifiku għandha tiġi kkupjata fl-iskambji ta' komunikazzjoni kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti relatati mal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness.

7. Qabel ma jibda japplika b'mod proviżorju dan il-Protokoll, il-Gżejjer Cook għandhom jinnotifikaw lill-Unjoni bid-dettalji tal-kontijiet tat-Teżor Pubbliku tal-Gżejjer Cook li fihom iridu jitħallsu t-tariffi pagabbli mill-bastimenti-tal-Unjoni skont dan il-Protokoll. Is-sidien tal-bastimenti għandhom iħallsu l-kostijiet tat-trasferimenti bankarji assoċjati.

KAPITOLU II

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

Bastimenti eliġibbli tal-Unjoni

8. Sabiex bastiment tal-Unjoni jkun eliġibbli biex jikseb awtorizzazzjoni tas-sajd, la s-sid tal-bastiment, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook. Huma għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Gżejjer Cook, u għandhom ikunu ssodisfaw kull obbligu preċedenti li jkun ġej mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Gżejjer Cook skont il-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mal-Unjoni. Barra minn hekk, huma għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, jiġu elenkati fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC, Western and Central Pacific Fisheries Commission) u fir-reġistru tal-bastimenti tal-Aġenzija tas-Sajd tal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku (FFA, Forum Fisheries Agency), u ma jkunux fuq lista tal-bastimenti illegali, mhux regolati u mhux irrapportati (IUU, Illegal, Unregulated and Unreported) ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Aġent tal-bastiment

9. Il-bastimenti kollha tal-Unjoni li japplikaw għal awtorizzazzjoni tas-sajd jistgħu jkunu rrappreżentati minn aġent (kumpanija jew individwu) residenti fil-Gżejjer Cook, u li l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook tkun ġiet mgħarrfa bih kif xieraq.

Żoni tas-sajd

10. Il-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd li jkunu ħarġuha l-Gżejjer Cook għandhom ikunu awtorizzati jwettqu attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook ħlief għaż-żoni protetti jew ipprojbiti.

11. Il-Gżejjer Cook għandhom jikkomunikaw lill-Unjoni kwalunkwe modifika fil-koordinati tal-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook u taż-żoni protetti jew taż-żoni tas-sajd magħluqa f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Ftehim.

Perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni tas-sajd

12. Awtorizzazzjoni tas-sajd hija valida għal sena, u dan jissejjaħ "il-perjodu annwali ta' validità". Id-data tal-bidu ta' dan il-perjodu tiġi ddeterminata mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd sussegwenti kollha għandhom jintemmu fid-data li tikkorrispondi għad-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll.

13. Jekk, għal kwalunkwe ċirkostanza mhux prevista, il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd jiġi ttardjat, il-validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha xorta waħda tintemm fid-data li tikkorrispondi għad-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll. L-għadd totali ta' jiem ta' sajd għall-perjodu ta' validità annwali affettwat għandu jiġi aġġustat b'mod proporzjonali għall-għadd validu ta' jiem skont l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Gżejjer Cook għandhom jirrimborżaw il-porzjon mhux użat tat-tariffi bil-quddiem imħallsa mis-sidien tal-bastimenti, ikkalkolati *pro rata temporis*, sakemm is-sidien tal-bastimenti ma jiddeċidux li jżommu l-għadd ta' jiem ta' sajd għall-perjodu ta' validità annwali affettwat.

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd

14. Bastimenti eliġibbli tal-Unjoni biss jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll.

15. L-Unjoni għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd għal kull bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq iwettaq attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook mill-inqas 20 jum tax-xogħol qabel id-data tal-bidu mistennija tal-attivitajiet tas-sajd. Il-Gżejjer Cook għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar il-proċess tal-liċenzjar lill-Unjoni xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll u sussegwentement kull sena. L-isem tas-sidien benefiċjarji tal-bastiment għandu jkun disponibbli fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd.

16. Is-sidien tal-bastimenti għandhom iħallsu t-tariffa bil-quddiem dovuta għall-perjodu ta' validità annwali.

17. L-Unjoni għandha tippreżenta b'mod elettroniku kull applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook billi tuża l-formola pprovduta, jew is-sistema elettronika implimentata, mill-Ministeru tar-Riżorsi tal-Baħar u billi tehmeż id-dokumenti li ġejjin:

(a) evidenza li tħallset it-tariffa bil-quddiem għall-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd;

(b) ritratti reċenti diġitali bil-kulur tal-bastiment (li jkunu ttieħdu sa 12-il xahar qabel), li jkollhom id-data fuqhom u li jkollhom riżoluzzjoni suffiċjenti li turi l-ġenb tal-bastiment, inkluż l-isem tal-bastiment u l-marki tal-bastiment;

(c) kopja taċ-ċertifikat tat-tagħmir ta' sikurezza tal-bastiment;

(d) kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-bastiment;

(e) kopja taċ-ċertifikat ta' kontroll tal-faċilitajiet sanitarji tal-bastiment;

(f) kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-FFA;

(g) il-pjan ta' stivar.

18. Il-pagamenti mill-bastimenti tal-Unjoni għandhom jinkludu l-imposti nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet u l-imposti tas-servizzi.

19. Jekk applikazzjoni ma tkunx kompluta jew ma tissodisfax ir-rekwiżiti skont il-paragrafu 17, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook għandhom, fi żmien 7 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu l-applikazzjoni, jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni bir-raġunijiet li għalihom l-applikazzjoni titqies mhux kompluta jew ma tissodisfax ir-rekwiżiti skont il-paragrafu 17.

Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

20. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ mill-Gżejjer Cook fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu l-applikazzjoni shiha.

21. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi trażmessa minnufih b'mezzi elettroniċi mill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook lis-sid tal-bastiment u lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni. Fl-istess ħin, l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook għandha tibgħat awtorizzazzjoni tas-sajd f'forma stampata lis-sid tal-bastiment.

22. Malli toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook għandha tinkludi l-bastiment f'lista ta' bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook. Dik il-lista għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-entitajiet kollha rilevanti tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-Gżejjer Cook u tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni.

23. Il-verżjoni elettronika tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi ssostitwita minn forma stampata malli dan ikun possibbli.

24. Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment speċifiku u din ma għandhiex tkun tista' tiġi trasferita.

25. L-awtorizzazzjoni tas-sajd (f'forma elettronika jew stampata meta din tkun disponibbli) għandha tinżamm abbord il-bastiment il-ħin kollu.

Trasferiment tal-jiem ta' sajd

26. Il-jiem ta' sajd mixtrija jistgħu jiġu ttrasferiti bejn l-operaturi tal-bastimenti tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, l-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Cook u lill-Unjoni mill-inqas 72 siegħa qabel u jinnotifikawhom, fost affarijiet oħra, bl-għadd ta' jiem ta' sajd li għandhom jinqasmu bejn il-bastimenti kkonċernati. Il-Gżejjer Cook għandhom jirrikonoxxu l-wasla tan-notifika tat-trasferiment. It-trasferiment għandu jsir operattiv biss wara din il-konferma.

Force majeure

27. Meta jkun hemm prova ta' *force majeure*, u l-Unjoni titlob dan, l-awtorizzazzjoni tas-sajd ta' bastiment tista' tiġi sospiża u ttrasferita għal bastiment ieħor eliġibbli li jkollu karatteristiċi simili għall-perjodu ta' validità li jkun għad fadal tiegħu u li għalih tista' tinħareġ awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida.

28. Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni tas-sajd lill-bastiment eliġibbli l-ġdid f'konformità mal-paragrafi 14 sa 25, mingħajr ir-rekwiżit ta' pagamenti bil-quddiem ġdid.

Tariffi għall-awtorizzazzjoni tas-sajd

29. Awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ biss wara li l-bastiment tal-Unjoni kkonċernat ikun ħallas pagament annwali ta' EUR 90 000. Dan għandu jagħti lill-bastiment tas-sajd id-dritt li jistad għal 10 ijiem ta' sajd.

30. Jekk ikunu disponibbli, is-sidien tal-bastimenti jistgħu jixtru jiem ta' sajd addizzjonali lil hinn minn dawk mixtrija skont il-paragrafu 29 mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook. Il-prezz li għandu jitħallas mis-sidien tal-bastimenti għall-jiem addizzjonali għandu jkun ta' EUR 14 850 kull jum.

31. It-tariffi pagabbli skont il-paragrafi 29 u 30 għandhom jiġu vvalutati u, meta jintlaħaq qbil, riveduti mill-Kumitat Konġunt fl-implimentazzjoni ta' nofs it-terminu ta' dan il-Protokoll.

32. Jekk fl-aħħar sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-aċċess għall-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook għall-bastimenti tal-Unjoni jkun inqas minn sena, it-tariffi pagabbli skont il-paragrafu 29 għandhom jiġu aġġustati *pro rata temporis*. Ma għandu jkun hemm l-ebda aġġustament tat-tariffi pagabbli jekk is-sidien tal-bastimenti jagħtu parir lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook li jridu jżommu d-drittijiet għas-sajd f'konformità mal-paragrafu 29.

KAPITOLU III

MONITORAĠĠ TAS-SAJD

Ġestjoni tal-isforzi

33. Il-Gżejjer Cook għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Unjoni meta jintlaħaq 85 % tal-isforz totali tal-jiem ta' sajd. Malli jirċievu dik in-notifika, l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Istati Membri b'dan.

34. L-użu annwali tal-jiem ta' sajd mill-bastimenti tal-Unjoni għandu jiġi rieżaminat mill-Kumitat Konġunt matul il-laqgħa annwali tiegħu.

Jiem mhux ta' sajd

35. Is-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni huma meħtieġa jippreżentaw talbiet għal jiem mhux ta' sajd bl-użu tal-formola fl-Appendiċi 1. L-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' jum mhux ta' sajd għandha tkun ta' 7 ijiem kalendarji mid-data li fiha jkun seħħ il-jum mhux ta' sajd, altrimenti din ma għandhiex tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook. L-iskadenza għall-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook biex tipproċessa t-talba għal jiem mhux ta' sajd għandha tkun ta' 7 ijiem kalendarji minn meta is-sid tal-bastiment tal-Unjoni jkun ippreżenta t-talba għal jiem mhux ta' sajd.

36. Meta l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook tirrifjuta talba għal jiem mhux ta' sajd mingħand sid tal-bastiment tal-Unjoni, u s-sid tal-bastiment ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni, is-sid tal-bastiment jista' jitlob lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu u lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni biex jikkonsultaw mal-istituzzjonijiet rilevanti bil-għan li tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

Rapportar elettroniku

37. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw rapporti speċifiċi dwar l-attivitajiet tagħhom lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook, sakemm is-sistemi ta' rapportar elettroniċi jiġu implimentati miż-żewġ Partijiet.

38. Meta jiġu implimentati sistemi ta' rapportar elettroniku, u sseħħ ħsara teknika, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jkomplu jwettqu attivitajiet tas-sajd biss jekk jiġu implimentati minnufih proċessi ta' rapportar manwali. Dawn il-proċessi ta' rapportar manwali huma deskritti fil-paragrafi 40 sa 53 u l-Appendiċi 1 u 2.

39. Il-Gżejjer Cook jistgħu jirrevedu kwalunkwe formola, standard, speċifikazzjoni u proċedura tad-*data* li tinsab f'dan il-Protokoll biex tissodisfa r-rekwiżiti nazzjonali u internazzjonali. Jekk tiġi ppjanata kwalunkwe bidla, l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook għandha tikkonsulta u tagħti pariri lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni dwar kwalunkwe reviżjoni ppjanata minbarra dawk adottati mid-WCPFC.

Ġurnali tas-sajd

40. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jimlew il-ġurnali tas-sajd tat-tartarun tal-borża reġjonali tal-Komunità tal-Paċifiku / tal-FFA disponibbli fuq is-sit web tal-Komunità tal-Paċifiku għal kull jum matul vjaġġ tas-sajd, inkluż fin-nuqqas ta' qabda jew meta jkunu qegħdin jagħmlu tranżitu. Il-formola għandha timtela b'mod li jinqara u l-kaptan tal-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiffirmaha. Il-ġurnali tas-sajd għandhom jintużaw sakemm jiġu implimentati arranġamenti elettroniċi ta' rapportar kompatibbli.

41. Il-kliem "żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook" għandhom jiddaħħlu fil-ġurnali tas-sajd tat-tartarun tal-borża reġjonali tal-Komunità tal-Paċifiku /tal-FFA għall-perjodi li matulhom il-bastiment ikun jinsab fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

42. Waqt li jkunu fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw sommarju tar-rapport tal-qbid kull 7 ijiem permezz tal-mudell tar-rapport Nru 1 (CAT) fl-Appendiċi 2.

43. Il-kopji tal-ġurnali tas-sajd għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook fi żmien 14-il jum minn meta jitilqu miż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

44. Il-ġurnali tas-sajd oriġinali għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook fi żmien 7 ijiem tax-xogħol wara l-ewwel waqfa f'port wara li jitilqu miż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

45. Kopji tal-ġurnali tas-sajd għandhom jintbagħtu simultanjament lill-istituti xjentifiċi rilevanti tal-Unjoni.

Rapporti dwar id-dħul u l-ħruġ

46. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jibagħtu bil-posta elettronika rapporti dwar id-dħul u l-ħruġ lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook mill-inqas 24 siegħa qabel id-dħul jew il-ħruġ intenzjonat tagħhom miż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, permezz tal-mudell tar-rapport Nru 2 (ZENT) u Nru 3 (ZEXT) fl-Appendiċi 2.

Ħatt l-art

47. Il-port iddeżinjat għall-attivitajiet ta' ħatt l-art fil-Gżejjer Cook huwa l-port ta' Avatiu. L-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook tista' tawtorizza attivitajiet ta' ħatt l-art f'portijiet oħra fil-Gżejjer Cook. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tiġi infurmata kif xieraq.

48. Il-bastimenti tal-Unjoni li jkunu jridu jħottu l-qabdiet fil-port(ijiet) iddeżinjat(i) tal-Gżejjer Cook għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook mill-inqas 72 siegħa qabel:

(a) il-port tal-ħatt l-art;

(b) l-isem u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS, International Radio Call Sign) tal-bastiment tas-sajd;

(c) id-data u l-ħin tal-ħatt l-art;

(d) il-kwantità f'kg, imqarrba għall-eqreb 100 kg, skont l-ispeċijiet li għandhom jinħattu l-art;

(e) l-istat ipproċessat tal-prodotti.

49. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jimlew formola tal-ħatt l-art u jissottomettuha lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jitlesta l-ħatt l-art u, fi kwalunkwe każ, qabel ma l-bastiment iħalli l-port.

Trażbord

50. Il-bastimenti tal-Unjoni li jkunu jridu jittrażbordaw il-ħut għandhom jagħmlu dan biss fil-portijiet dežinjati mill-Gżejjer Cook, jew f'żona ddeterminata mill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook. Ma jistax isir trażbord fuq il-baħar u kwalunkwe persuna li tikser din id-dispożizzjoni għandha tkun soġġetta għall-penali previsti mil-liġi tal-Gżejjer Cook.

51. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook mill-inqas 72 siegħa qabel kwalunkwe attività ta' trażbord:

(a) il-port jew iż-żona fejn se jsir it-trażbord;

(b) l-isem u l-IRCS tal-bastiment tas-sajd donatur;

(c) l-isem u l-IRCS tal-bastiment tas-sajd riċevitur;

(d) id-data u l-ħin tat-trażbord;

(e) il-kwantità f'kg, imqarrba għall-eqreb 100 kg, skont l-ispeċijiet li għandhom jiġu ttrażbordati;

(f) l-istat ipproċessat tal-prodott.

52. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni tat-trażbord lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jitlesta t-trażbord u, fi kwalunkwe każ, qabel ma l-bastiment donatur iħalli l-port jew iż-żona tat-trażbord.

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

53. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Istat tal-bandiera u għall-obbligi tal-bastimenti tal-Unjoni fil-konfront taċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, kull bastiment tal-Unjoni għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tal-FFA li japplikaw fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

Osservaturi

54. Waqt li jkunu qegħdin joperaw fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jiżguraw kopertura tal-osservaturi f'konformità mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tad-WCPFC u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Gżejjer Cook.

55. Il-bastimenti tal-Unjoni għandu jkollhom abbord osservatur awtorizzat mill-Programm tal-Osservaturi Reġjonali tad-WCPFC jew osservatur tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC, Inter-American Tropical Tuna Commission) awtorizzat permezz tal-memorandum ta' qbil maqbul bejn id-WCPFC u l-IATTC dwar l-approvazzjoni reċiproka tal-osservaturi.

KAPITOLU IV

KONTROLL

56. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Gżejjer Cook dwar l-attivitajiet tas-sajd, kif ukoll mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mid-WCPFC.

57. Proċeduri ta' kontroll

(a) Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkooperaw ma' kwalunkwe uffiċjal awtorizzat u identifikat kif xieraq tal-Gżejjer Cook li jwettaq attivitajiet ta' imbark u ta' spezzjoni, u ta' kontroll tas-sajd.

(b) Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Gżejjer Cook, l-imbark u l-ispezzjoni għandhom jitwettqu b'tali mod li l-pjattaforma ta' spezzjoni u l-ispetturi jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala uffiċjali awtorizzati tal-Gżejjer Cook.

(c) Il-Gżejjer Cook għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni l-lista tal-pjattaformi kollha tal-ispezzjoni użati għall-ispezzjonijiet fuq il-baħar. Dik il-lista għandu jkun fiha tal-inqas dawn li ġejjin: (i) l-ismijiet tal-bastimenti tal-għassa tas-sajd (FPV, Fisheries Patrol Vessels) użati; (ii). id-dettalji tal-FPVs użati; u (iii). ritratti tal-FPVs użati.

(d) Il-Gżejjer Cook jistgħu, fuq talba tal-Unjoni jew ta' korp maħtur minnha, jippermettu lill-ispetturi tal-Unjoni josservaw l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni, inkluż it-trażbord, matul l-ispezzjonijiet fil-port jew fuq l-art.

(e) Ladarba titlesta spezzjoni u r-rapport tal-ispezzjoni jkun ġie ffirmat mill-ispettur, ir-rapport għandu jsir disponibbli għall-kaptan tal-bastiment għal kummenti u firma. Din il-firma ma għandhiex tippreġudika d-drittijiet tal-Partijiet fil-kuntest ta' proċeduri ta' allegat ksur. Qabel ma l-ispettur jinżel mill-bastiment, il-kaptan tal-bastiment għandu jingħata kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.

(f) L-ispetturi ma għandhomx iqattgħu iżjed ħin abbord il-bastiment milli jkollhom bżonn biex iwettqu dmirijiethom.

58. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni involuti f'operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew ta' trażbord għandhom jippermettu u jiffaċilitaw l-ispezzjoni ta' tali operazzjonijiet minn uffiċjali awtorizzati tal-Gżejjer Cook.

59. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Anness dwar il-monitoraġġ tas-sajd, is-sistema ta' monitoraġġ u l-kontroll tal-bastimenti ma jiġux irrispettati, l-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook tirriżerva d-dritt li tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment li jkun wettaq ir-reat sakemm jitlestew il-proċeduri rilevanti u jiġu applikati penali. L-Istat Membru tal-bandiera u l-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandhom jiġu infurmati minnufih u jirċievu rapport dwar l-avveniment u dwar kwalunkwe penali applikata għall-bastiment tal-Unjoni.

Infurzar

60. Penali

(a) In-nuqqas ta' konformità ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti, jew tal-liġijiet nazzjonali tal-Gżejjer Cook, għandu jkun soġġett għall-penali stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali tal-Gżejjer Cook.

(b) L-Istat Membru tal-bandiera u l-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandhom jiġu infurmati minnufih u bis-sħiħ b'kwalunkwe penali applikata u bil-fatti relatati kollha.

(c) Meta l-penali tieħu l-għamla ta' sospensjoni jew revoka ta' awtorizzazzjoni tas-sajd matul il-perjodu li jkun għad fadal li għalih tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tista' titlob awtorizzazzjoni tas-sajd oħra, li kieku kienet tkun applikabbli, għal bastiment minn sid ta' bastiment ieħor.

61. Arrest u detenzjoni ta' bastimenti tal-Unjoni

(a) Il-Gżejjer Cook għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni u lill-Istat Membru tal-bandiera minnufih bl-arrest u/jew bid-detenzjoni ta' kwalunkwe bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Ftehim.

(b) Il-Gżejjer Cook għandhom jibagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni, filwaqt li jispjegaw fid-dettall iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għall-arrest u/jew id-detenzjoni, meta prattikabbli fi żmien 48 siegħa, lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni u lill-Istat Membru tal-bandiera.

62. Proċedura għall-iskambju tal-informazzjoni fil-każ ta' arrest u/jew ta' detenzjoni

(a) Filwaqt li jiġu rrispettati l-iskadenzi u l-proċedimenti legali kif previsti mil-liġijiet nazzjonali tal-Gżejjer Cook relatati mal-arrest u/jew id-detenzjoni, għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni, hekk kif tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 61, punti (a) u (b), bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u tal-Gżejjer Cook. Dan jista' jinkludi l-parteċipazzjoni minn rappreżentant tal-Istat Membru kkonċernat.

(b) Fil-laqgħa ta' konsultazzjoni, il-Partijiet għandhom jiskambjaw kwalunkwe dokument jew informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġu ċċarati l-fatti. Sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu għandu jiġi infurmat bl-eżitu tal-laqgħa u bi kwalunkwe miżura li tirriżulta mill-arrest u/jew mid-detenzjoni.

63. Soluzzjoni għall-arrest u/jew għad-detenzjoni

(a) Għandhom isiru sforzi raġonevoli biex l-allegat ksur jissolva bla dewmien.

(b) F'każ li tinstab soluzzjoni, l-ammont li għandu jitħallas għandu jiġi ddeterminat b'riferiment għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Gżejjer Cook. Jekk ma jkunx possibbli li tinstab tali soluzzjoni, għandhom jinbdew il-proċedimenti legali.

(c) Il-bastiment tal-Unjoni għandu jiġi rrilaxxat u l-kaptan tiegħu jinħeles hekk kif ikunu ġew issodisfati l-obbligi li jkunu ġejjin mis-soluzzjoni amikevoli jew ikunu tlestew il-proċedimenti legali.

64. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tinżamm infurmata bi kwalunkwe proċediment li jkun inbeda u bil-penali li jkunu ġew imposti.

Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra s-sajd IUU

65. Sabiex jissaħħu l-monitoraġġ u s-sorveljanza tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jirrapportaw il-preżenza ta' kwalunkwe bastiment ieħor tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

66. Meta l-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni josserva bastiment tas-sajd iwettaq attivitajiet li jistgħu jikkostitwixxu attivitajiet tas-sajd IUU, huwa għandu jiġbor kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-bastiment u dwar l-attività tiegħu x'ħin ikun lemħu. Ir-rapporti ta' osservazzjoni għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook, b'kopja liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera.

67. L-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook għandha tibgħat lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni, malajr kemm jista' jkun, kwalunkwe rapport tal-osservazzjoni li jkollha relatata mal-bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet li jistgħu jikkostitwixxu attività tas-sajd IUU fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

KAPITOLU V

PRINĊIPJI LI JIRREGOLAW IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG TAS-SAJJIEDA ABBORD BASTIMENTI TAL-UNJONI

68. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "sid ta' bastiment tas-sajd" tfisser is-sid tal-bastiment tas-sajd jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer, l-aġent jew in-nolleġġatur ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ, li jkun assuma r-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mis-sid u li, malli jassumi tali responsabbiltà, ikun qabel li jieħu f'idejh id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq is-sidien ta' bastiment tas-sajd skont it-termini ta' dan il-Protokoll, irrispettivament minn jekk kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra tissodisfax uħud minn dawk id-dmirijiet jew ir-responsabbiltajiet f'isem is-sid tal-bastiment tas-sajd.

69. Is-sajjieda li għandhom jiġu imbarkati abbord il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ([1]), inkluż f'dak li jirrigwarda l-passaporti, il-kotba tal-baħħara, iċ-ċertifikati mediċi u ċ-ċertifikati ta' taħriġ bażiku.

70. Is-sajjieda li għandhom jiġu imbarkati skont il-paragrafu 69 għandhom ikunu jistgħu jifhmu l-lingwa ta' ħidma użata abbord il-bastiment tas-sajd u jagħtu ordnijiet u struzzjonijiet u jirrapportaw b'dik il-lingwa.

71. Il-kaptan għandu jfassal, jaġġorna u jiffirma lista tal-ekwipaġġ li tikkonforma mal-Formola 5 tal-Konvenzjoni tal-OMI dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali.

72. Is-sid tal-bastiment tas-sajd, jew il-kaptan f'isem is-sid tal-bastiment tas-sajd, għandu jirrifjuta li jippermetti lis-sajjieda jiġu mbarkati fuq il-bastiment jekk dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 69.

73. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol li bihom is-sajjieda jiġu imbarkati għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2017/159, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol u tal-mistrieħ, id-drittijiet ta' ripatrijazzjoni u s-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali.

74. Għal kull sajjied li jaħdem abbord bastiment tal-Unjoni, għandu jiġi nnegozjat u ffirmat ftehim ta' xogħol bil-miktub kemm mis-sajjied kif ukoll mill-impjegatur. Dak il-ftehim tax-xogħol għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera li tittrasponi l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2017/159.

75. Il-kost tar-remunerazzjoni u kwalunkwe kost lavorattiv addizzjonali għandhom jitħallsu direttament jew, jekk is-sajjied ikun impjegat minn servizz tas-suq tax-xogħol privat, indirettament mis-sid tal-bastiment tas-sajd.

76. Is-sajjieda għandhom jitħallsu remunerazzjoni garantita ta' kull xahar jew regolari, preferibbilment permezz ta' trasferiment bankarju, irrispettivament mill-ammont effettiv tal-ħut maqbud u/jew mibjugħ. Din għandha tiġi stabbilita bi ftehim reċiproku bejn is-sid tal-bastiment tas-sajd jew l-aġent tiegħu u s-sajjieda u/jew it-trade unions jew ir-rappreżentanti tagħhom. Meta ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' negozjar kollettiv, it-termini tar-remunerazzjoni mogħtija lis-sajjieda ma għandhomx ikunu inqas minn dawk applikati għall-ekwipaġġ mill-pajjiżi rispettivi tagħhom u, fl-ebda ċirkostanza, ma għandhom ikunu inqas mit-termini stabbiliti mis-Sottokumitat dwar is-Salarji tal-Baħħara tal-Kumitat Marittimu Konġunt tal-ILO, fin-nuqqas ta' tali standard għas-sajjieda mfassal biex jipprovdi xibka ta' sikurezza internazzjonali biex jipproteġi u jgħin jiżgura xogħol deċenti għas-sajjieda.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU UE L 25, 31.1.2017, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/159/oj).

77. Is-sajjieda ma għandhom iġarrbu l-ebda kost assoċjat mal-pagamenti li jirċievu. Is-sajjieda għandhom jingħataw il-mezzi biex jibagħtu lill-familji tagħhom mingħajr ħlas il-pagamenti kollha li jirċievu jew parti minnhom, inklużi pagamenti bil-quddiem.

78. Is-sajjieda għandhom jirċievu rendikont tal-paga għal kull ħlas tar-remunerazzjoni u, jekk jitolbu dan, prova li s-salarji tagħhom tħallsu.

Appendiċi 1

Jiem tas-sajd u jiem mingħajr sajd

Kalkolu ta' jiem ta' sajd u ta' jiem mhux ta' sajd

Il-kalkolu, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-jiem ta' sajd u tal-jiem mhux ta' sajd għandhom jiġu amministrati mill-Gżejjer Cook permezz tas-Sistema Integrata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar is-Sajd tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Nauru, jew kwalunkwe sistema oħra għall-ġestjoni tal-informazzjoni kif iddeterminata mill-Gżejjer Cook, f'konformità ma' dan l-Appendiċi.

1. "Jum ta' sajd" tfisser jum kalendarju, jew parti minnu, meta bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jwettaq kwalunkwe sajd matul dak il-jum kalendarju, jew f'parti mill-perjodu ta' 24 siegħa (00:00–24:00) ta' dak il-jum kalendarju, li matulu bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni jkun fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook, iżda ma jinkludix jum kalendarju, jew parti mill-jum kalendarju, definit bħala "jum mhux ta' sajd".

2. Kalkolu ta' jum ta' sajd

   (a) Jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jirrapporta matul kwalunkwe jum ta' sajd mill-pożizzjonijiet fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook, dak il-jum ta' sajd għandu jiġi ddeżinjat f'konformità mal-ħin effettiv li l-bastiment għamel fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook.

   (b) Meta bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jirrapporta li jkun fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook għall-perjodu kollu (00:00–24:00) ta' jum kalendarju:

      (i) dak il-jum kalendarju kollu għandu jingħadd bħala jum ta' sajd jekk tkun twettqet kwalunkwe attività tas-sajd matul dak il-jum kalendarju;

      (ii) dak il-jum kalendarju (kollu) ma għandux jingħadd bħala jum ta' sajd jekk il-bastiment jikkonforma mar-rekwiżiti ta' jum mhux ta' sajd stipulat fil-paragrafi 3 sa 6.

   (c) Meta bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jirrapporta li jkun fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook għal inqas mill-perjodu kollu (00:00–24:00) ta' jum kalendarju:

      (i) dik il-parti ta' jum kalendarju għandha tingħadd bħala jum ta' sajd parzjali jekk tkun twettqet kwalunkwe attività tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook matul dak il-perjodu;

      (ii) dik il-parti ta' jum kalendarju ma għandhiex tingħadd bħala jum ta' sajd jekk il-bastiment jikkonforma mar-rekwiżiti ta' jum mhux ta' sajd stipulat fil-paragrafi 3 sa 6.

   (d) Ma għandu jkun hemm l-ebda tnaqqas fil-jiem ta' sajd fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu li bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jkun għamel fil-port tal-Gżejjer Cook.

3. "Jum mhux ta' sajd" (NFD, Non-Fishing Day) tfisser, għal bastimenti awtorizzati, kwalunkwe jum jew parti minn jum li bastiment ikun għamel fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook li matulhom il-bastiment ma jkun wettaq l-ebda sajd għal xi waħda mir-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 5.

4. Il-bastimenti awtorizzati tal-Unjoni għandhom jissottomettu talba tal-NFD lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook. Kull talba tal-NFD irid ikollha:

   (a) l-isem tal-bastiment;

   (b) is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju;

   (c) id-data, il-ħin u l-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) tad-dħul fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook;

   (d) id-data, il-ħin u l-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) tal-ħruġ mill-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook;

   (e) id-data, il-ħin u l-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) tal-waqfien tal-attività tas-sajd;

(f) id-data, il-ħin u l-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) tal-bidu mill-ġdid tal-attività tas-sajd;

(g) raġuni speċifika għall-NFD kif deskritta fil-paragrafu 5.

5. Raġunijiet speċifiċi għan-nuqqas ta' twettiq ta' attivitajiet tas-sajd

(a) Tranżitu [1] jiġi kkwalifikat biss bħala NFD jekk tkun intbagħtet notifika preċedenti lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook li l-bastiment se jkun qiegħed fi tranżitu, filwaqt li tiġi speċifikata d-destinazzjoni tat-tranżitu, il-punt tad-dħul u l-punt tal-ħruġ.

(b) Tranżitu ta' qabda sħiħa: jikkwalifika bħala NFD jekk tkun intbagħtet notifika preċedenti lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook li l-bastiment waqqaf l-attivitajiet tas-sajd. Jekk l-attivitajiet tas-sajd ikunu waqfu, l-irkaptu tas-sajd kollu għandu jiġi stivat, u l-bastiment għandu jkompli jżomm rotta dritta u veloċità stabbli lejn il-port tad-destinazzjoni. In-notifika tal-waqfien tal-attivitajiet tas-sajd għandha tinkludi:(i) l-isem tal-bastiment; (ii) is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju; (iii) il-pożizzjoni kurrenti (latitudni/lonġitudni); u (iv) isem il-port tad-destinazzjoni.

(c) Temp ħażin. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk il-bastiment ma jkunx kapaċi jagħmel kalata jew kwalunkwe attività tas-sajd oħra matul il-perjodu ta' 24 siegħa. Il-kaptan tal-bastiment għandu jispeċifika t-tip ta' temp ħażin:(i) irjieħ qawwija (skala …); (ii) baħar imqalleb; u (iii) relatati mal-kurrent.

(d) L-użu jew l-irkupru ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd matul il-perjodu ta' 24 siegħa, soġġett għal verifika mar-rapport tal-osservatur.

(e) Bunkering. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd matul il-perjodu ta' 24 siegħa, soġġett għal verifika mar-rapport tal-osservatur.

(f) Is-servizz ta' manutenzjoni tax-xbieki. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk il-bastiment ikun qiegħed jagħmel biss servizz ta' manutenzjoni tax-xbieki matul il-perjodu ta' 24 siegħa.

(g) Kalata ta' tindif tax-xibka (fuq prova). Jikkwalifika biss bħala NFD jekk ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd matul il-perjodu ta' 24 siegħa, ix-xibka tkun f'linja dritta u mingħajr il-vajjina mwaħħla, soġġett għal verifika mar-rapport tal-osservatur.

(h) Ħsarat. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk il-bastiment ikun ġralu l-ħsara, u ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd matul il-perjodu ta' 24 siegħa, u l-ħsarat jipprevjenu lill-bastiment mis-sajd.

(i) Emerġenza. Jikkwalifika biss bħala NFD jekk ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd matul il-perjodu ta' 24 siegħa, soġġett għal verifika mar-rapport tal-osservatur, u l-emerġenza tinvolvi: (i) is-saħħa u s-sikurezza tal-ekwipaġġ; u (ii) is-sikurezza tal-bastiment.

(j) Tfittxija u salvataġġ. Jikkwalifika biss bħala NFD soġġett għal verifika mar-rapport tal-osservatur u mill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook. Jekk it-tfittxija u s-salvataġġ iwasslu biex il-bastiment jirritorna lejn il-port, il-kaptan jeħtieġ li jinforma minn qabel lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook, billi jispeċifika:(i) il-pożizzjoni tal-bastiment; u (ii) il-port tad-destinazzjoni.

Il-bastimenti li jirritornaw lejn il-port għandhom jiżguraw li:(i) l-irkaptu tas-sajd kollu huwa stivat; (ii) il-bastiment jipproċedi direttament mill-pożizzjoni tiegħu lejn il-port tad-destinazzjoni tiegħu; u(iii) il-bastiment iżomm rotta dritta u veloċità stabbli.

Jekk titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd mar-ritorn tal-bastiment lejn il-port, jew jekk kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti speċifikati fil-punti (a) sa (j) ma jiġix rispettat, allura l-jiem kollha tal-vjaġġ tar-ritorn għandhom jiġu trattati bħala jiem ta' sajd.

6. Ir-rapporti kollha għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook permezz tal-indirizz elettroniku li ġej: licensing@mmr.gov.ck.

---

[1] L-irkaptu tas-sajd kollha tal-bastiment għandu jiġi stivat b'mod li ma jkunx faċilment disponibbli għas-sajd; b'mod partikolari, it-tanguni għandhom jitbaxxew kemm jista' jkun sabiex il-bastiment ma jkunx jista' jintuża għas-sajd, iżda b'tali mod li l-iskiff ikun aċċessibbli għall-użu f'sitwazzjoni ta' emerġenza; il-helikopter, jekk ikun hemm, għandu jkun marbut; u l-istess il-laneċ. Il-bastiment għandu jżomm rotta dritta u veloċità stabbli. Jekk titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd, jew jekk kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' hawn fuq ma jiġix rispettat, allura l-jiem kollha mqatta' fi tranżitu għandhom jiġu ttrattati bħala jiem ta' sajd.

Appendiċi 2

Mudelli tar-rapporti

1. Sommarju tar-rapport tal-qbid (CAT)

Kontenut	Trażmissjoni
Destinazzjoni tal-messaġġ	
Kodiċi ta' azzjoni	CAT
Isem il-bastiment	
Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju	
Data u ħin (UTC) tar-rapport	JJ/XX/SSSS – SS:MM
Kwantità (Mt) ta' ħut abbord għal kull speċi:	
Tonn isfar (YFT)	(Mt)
Tonn obeż (BET) (BET)	(Mt)
Plamtu (SKJ)	(Mt)
Oħrajn (speċifika)	(Mt)
Għadd ta' kalati li ntefgħu mill-aħħar rapport	

2. Rapport tad-dħul (ZENT)

Kontenut	Trażmissjoni
Destinazzjoni tal-messaġġ	
Kodiċi ta' azzjoni	ZENT
Isem il-bastiment	
Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju	
Pożizzjoni tad-dħul	LT/LG
Data u ħin (UTC) tad-dħul	JJ/XX/SSSS – SS:MM
Kwantità (Mt) ta' ħut abbord għal kull speċi:	
Tonn isfar (YFT)	(Mt)

Kontenut	Trażmissjoni
Tonn obeż (BET)	(Mt)
Plamtu (SKJ)	(Mt)
Oħrajn (speċifika)	(Mt)

3. Rapport tal-ħruġ (ZEXT)

Kontenut	Trażmissjoni
Destinazzjoni tal-messaġġ	
Kodiċi ta' azzjoni	ZEXT
Isem il-bastiment	
Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju	
Pożizzjoni tal-ħruġ	LT/LG
Data u ħin (UTC) tal-ħruġ	JJ/XX/SSSS – SS:MM
Kwantità (Mt) ta' ħut abbord għal kull speċi:	
Tonn isfar (YFT)	(Mt)
Tonn obeż (BET)	(Mt)
Plamtu (SKJ)	(Mt)
Oħrajn (speċifika)	(Mt)

4. Ir-rapporti kollha għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook permezz tal-indirizz elettroniku li ġej: licensing@mmr.gov.ck.

Appendiċi 3

Regoli ta' implimentazzjoni dettaljati għall-fondi ta' appoġġ settorjali

Trasparenza u traċċabbiltà tal-fondi ta' appoġġ settorjali

1. Il-Gżejjer Cook għandhom jidentifikaw l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatat mal-appoġġ settorjali ttrasferit mill-Unjoni lill-Gżejjer Cook skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli fil-baġit annwali adottat tagħhom. Meta jagħmlu dan, il-Gżejjer Cook għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom rigward id-dixxiplina u l-ġestjoni finanzjarji.

Il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' fondi ta' appoġġ settorjali

2. Il-Gżejjer Cook għandhom jiżviluppaw proposta għal programm settorjali pluriennali għall-użu tal-fondi ta' appoġġ settorjali li jkopru d-durata tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Il-Gżejjer Cook għandhom jiżviluppaw wkoll proposta dettaljata għal programm settorjali annwali għall-użu tal-fondi ta' appoġġ settorjali għall-ewwel sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

3. Il-programmi settorjali għandhom jiffukaw fuq għadd ta' azzjonijiet li huma allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali. Dawn għandhom iqisu l-kapaċità tal-Gżejjer Cook li jimmaniġġjaw, jimplimentaw u jirrapportaw dwar l-użu tal-fondi ta' appoġġ settorjali.

4. Il-programmi settorjali għandhom jidentifikaw: (i) l-għanijiet strateġiċi; (ii) l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati; (iii) l-indikaturi; (iv) il-miri annwali; (v) il-fondi allokati għal kull azzjoni; u (vi) is-sorsi ta' verifika.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddiskuti, jemenda, jekk ikun xieraq, u jadotta l-proposti għall-programm settorjali pluriennali u għall-ewwel programm settorjali annwali matul l-ewwel laqgħa tiegħu wara l-bidu tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll. Dik l-ewwel laqgħa għandha ssir mhux aktar tard minn 120 jum mill-bidu tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll.

6. Għal kull waħda mit-tieni sena u s-snin ta' wara, il-Gżejjer Cook għandhom jippreżentaw programm settorjali annwali lill-Unjoni mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

7. Il-Gżejjer Cook għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi settorjali pluriennali u annwali adottati.

Monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni tal-fondi ta' appoġġ settorjali

8. Il-Gżejjer Cook għandhom jimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programm settorjali.

9. L-Attaché tas-Sajd tal-Unjoni responsabbli għall-Gżejjer Cook għandu jżur regolarment il-Gżejjer Cook sabiex jivvaluta, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm settorjali pluriennali. Matul dawk iż-żjarat, l-Attaché tas-Sajd tal-Unjoni għandu jkollu aċċess f'waqtu għal kwalunkwe dokument li l-Attaché tas-Sajd tal-Unjoni jqis li jkun neċessarju biex jiġi vverifikat il-progress. L-aċċess għad-dokumenti ma għandux jinkludi informazzjoni li hija kunfidenzjali jew li tikkonċerna l-interessi nazzjonali.

10. Il-Gżejjer Cook għandhom iħejju rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm settorjali pluriennali. Huma għandhom jissottomettuhom lill-Unjoni mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

11. Ir-rapporti ta' progress annwali għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet li ġew implimentati u l-progress li jkun sar fl-ilħuq tal-miri annwali għal kull wieħed mill-indikaturi magħżula. Dawn għandhom jiddeskrivu wkoll kwalunkwe diffikultà li tkun ġiet esperjenzata, kif ukoll kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet u r-riżultati ta' tali miżuri korrettivi. Is-sorsi ta' verifika elenkati fil-programm settorjali pluriennali għandhom jiġu kondiviżi mal-Kumitat Konġuntfejn ikun prattiku u rilevanti.

12. Ir-rapporti ta' progress annwali għandu jkun fihom il-livell ta' eżekuzzjoni finanzjarja tal-fondi ta' appoġġ settorjali. F'dak ir-rigward, l-informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit relatata mal-użu tal-fondi ta' appoġġ settorjali tal-Unjoni għandha ssir disponibbli.

13. Ir-rapporti ta' progress annwali għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li l-Kumitat Konġunt jeħtieġ sabiex jieħu deċiżjonijiet infurmati dwar l-iżborż ta' pagamenti parzjali annwali sussegwenti ta' fondi ta' appoġġ settorjali.

14. Il-Gżejjer Cook għandhom jissottomettu wkoll lill-Kumitat Konġunt, fi żmien 90 jum mill-iskadenza ta' dan il-Protokoll, rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst minn dan il-Protokoll, flimkien mar-rapport ta' progress annwali finali.

15. Meta jkun neċessarju, il-Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali wara li jiskadi jew jiġi sospiż dan il-Protokoll. Huma għandhom iwettqu kwalunkwe tali monitoraġġ f'konformità ma' dan il-Protokoll.

16. Meta jkun neċessarju, il-Kumitat Konġuntjista' jaqbel li l-Gżejjer Cook iwettqu evalwazzjoni indipendenti esterna ffinanzjata mill-fondi ta' appoġġ settorjali biex jivvalutaw ir-riżultati tal-programm settorjali pluriennali skont it-termini ta' referenza approvati mill-Kumitat Konġunt.

Kriterji u proċess għall-iżborż, is-sospensjoni u l-irkupru ta' fondi ta' appoġġ settorjali

17. L-Unjoni għandha tħallas il-fondi ta' appoġġ settorjali lill-Gżejjer Cook f'pagamenti parzjali annwali.

18. Il-fondi ta' appoġġ settorjali għall-ewwel sena tal-applikazzjoni ta' dan il-l-Protokoll għandhom jitħallsu bis-sħiħ mhux aktar tard minn 45 jum mid-data meta l-Kumitat Konġuntjadotta l-programm settorjali pluriennali.

19. Il-fondi ta' appoġġ settorjali għat-tieni sena u għas-snin sussegwenti tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandhom jitħallsu biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin.

— Kwalunkwe awditu finanzjarju indipendenti estern miftiehem mill-Kumitat Konġunt u ffinanzjat mill-fondi ta' appoġġ settorjali jkun tlesta.

— L-aħħar informazzjoni disponibbli dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tiddikjara eżekuzzjoni finanzjarja u impenn ta' 75 % jew aktar tal-finanzjament riċevut sal-lum.

— L-azzjonijiet ta' appoġġ settorjali jiġu implimentati f'konformità mal-programm settorjali pluriennali. L-indikaturi miftiehma għandhom iservu bħala l-parametru referenzjarju biex jiġi ddeterminat jekk azzjoni ġietx implimentata jew hijiex fil-proċess li tiġi implimentata.

— Il-Kumitat Konġunt ikun approva l-programm ta' appoġġ settorjali annwali li jmiss, f'konformità mal-programm settorjali pluriennali, inkluża l-kunsiderazzjoni taż-żieda tal-kwantum ta' kwalunkwe pagament parzjali annwali ekwivalenti għad-doppju tas-somma tal-ammont annwali ta' appoġġ settorjali skont l-Artikolu 2(2), il-punt (b) tal-Protokoll.

20. Il-pagament parzjali finali tal-fondi ta' appoġġ settorjali għandu jitħallas biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 19. Kwalunkwe ammont mhux żborżat jew impenjat mill-Gżejjer Cook qabel l-iskadenza ta' dan il-Protokoll għandu jintilef.

21. L-Unjoni tirriżerva d-dritt li tirrevedi u/jew tissospendi, parzjalment jew kompletament, l-iżborż tal-fondi ta' appoġġ settorjali jekk l-evalwazzjoni annwali mill-Kumitat Konġunt turi li r-riżultati miksuba jvarjaw b'mod sinifikanti mill-programm settorjali jew jekk il-fondi ta' appoġġ settorjali ma jiġux implimentati kif iddeterminat mill-Kumitat Konġunt.

22. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata mal-appoġġ settorjali għandu jerġa' jibda wara konsultazzjoni bejn il-Partijiet u ftehim mill-Kumitat Konġunt meta jkun iġġustifikat abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programmazzjoni pluriennali miftiehma. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 2(2), il-punti (b) ma tistax titħallas wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

23. Il-fondi ta' appoġġ settorjali għandhom jiġu żborżati f'konformità mas-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja pubblika tal-Gżejjer Cook. Il-ġestjoni tar-riżorsi ttrasferiti għandha tkun ir-responsabbiltà unika tal-Gżejjer Cook.

24. Il-Gżejjer Cook jistgħu jiffaċilitaw il-kofinanzjament ta' azzjonijiet stabbiliti taħt il-programm settorjali pluriennali. Huma għandhom jirrapportaw dwar kwalunkwe kofinanzjament fir-rapporti ta' progress annwali.

25. Il-Kummissjoni Ewropea tista' twettaq proċedura ta' rkupru tal-fondi ta' appoġġ settorjali mħallsa lill-Gżejjer Cook, meta l-attivitajiet ta' appoġġ settorjali ma jiġux implimentati jew ma jiġux implimentati f'konformità ma' dan il-Protokoll u meta ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim mill-Kumitat Konġunt . Il-proċedura ta' rkupru hija stabbilita fil-punti (a) sa (d) hawn taħt.

(a) L-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tinnotifika formalment lill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Cook bl-intenzjoni tagħha li tirkupra ammont speċifikat u għandha tistabbilixxi r-raġunijiet tagħha għall-irkupru tiegħu. Il-Gżejjer Cook għandhom ikunu jistgħu jissottomettu kummenti, osservazzjonijiet u/jew talbiet għal kjarifika dwar l-irkupru propost fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tan-notifika.

(b) Wara kwalunkwe sottomissjoni mill-Gżejjer Cook, il-Partijiet għandhom jidħlu f'negozjati *bona fide* sabiex isolvu kwalunkwe tilwima jew nuqqas ta' qbil rigward l-irkupru propost u sabiex jaqblu dwar kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew skeda ta' żmien estiża.

(c) Jekk l-Unjoni tiddeċiedi li tipproċedi bil-proċedura ta' rkupru, hija għandha tinnotifika formalment lill-Gżejjer Cook b'din id-deċiżjoni u l-bażi għaliha. Hija għandha toħroġ ukoll nota ta' debitu uffiċjali, bi ħlas dovut fi żmien 30 jum. Jekk il-Gżejjer Cook jonqsu milli jħallsu sad-data ta' skadenza speċifikata, l-Unjoni għandha tirkupra l-ammont dovut billi tpaċih ma' kwalunkwe ammont dovut lill-Gżejjer Cook mill-Unjoni.

(d) Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jew fil-każ ta' żball, li l-Unjoni tista' timmodifika l-ammont jew l-iskadenza tal-pagament, jew tirrinunzja l-irkupru, dment li tali modifiki jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u ta' proporzjonalità. Kwalunkwe modifika skont din id-dispożizzjoni għandha tiġi ddokumentata u kkomunikata lill-Gżejjer Cook, flimkien mar-raġunament għal tali bidliet.

Reviżjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali

26. Ladarba l-Kumitat Konġunt ikun approva l-programm settorjali pluriennali, kwalunkwe emenda proposta għalih tista' titqies biss jekk tkun debitament ġustifikata. Emendi sostanzjali li jħassru, jemendaw jew iżidu għanijiet strateġiċi għandhom jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Proposti għal tali emendi sostanzjali għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat Konġunt bil-miktub sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tiegħu.

27. Meta l-emendi proposti jinvolvu l-eliminazzjoni jew iż-żieda ta' azzjoni fi ħdan l-għanijiet strateġiċi stabbiliti jew jinvolvu t-trasferiment ta' fondi minn azzjoni għal oħra li tirrappreżenta aktar minn 10 % tal-fondi inizjali allokati għal dik l-azzjoni, il-Gżejjer Cook għandhom jikkonsultaw lill-Unjoni bil-miktub. L-Unjoni għandha tirrispondi għal din it-talba fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tat-talba. Wara konsultazzjonijiet abbażi tat-talba, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu dwar il-ħtieġa li tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kumitat Konġunt. Jekk il-partijiet jiddeċiedu li ma jkunx neċessarju li ssir laqgħa straordinarja tal-Kumitat Konġunt, l-emenda miftiehma għandha tiġi rreġistrata formalment fil-minuti tal-laqgħa ordinarja li jmiss tal-Kumitat Konġunt.

Viżibbiltà tal-programm ta' appoġġ settorjali

28. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-Gżejjer Cook għandhom jiżguraw li kull azzjoni implimentata taħt il-programm ta' appoġġ settorjali tkun soġġetta għall-miżuri xierqa ta' komunikazzjoni u viżibbiltà. Il-Gżejjer Cook għandhom jiddefinixxu dawn il-miżuri bi qbil mal-Unjoni.

29. Baġit iddedikat għall-miżuri ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà għandu jiġi allokat taħt il-programm settorjali pluriennali.

30. Il-modi li bihom għandhom isiru viżibbli l-azzjonijiet taħt il-programm ta' appoġġ settorjali tal-Unjoni għandhom jinkludu:

— avviż pubbliku tal-proġetti u tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu;

— rapporti fuq it-televiżjoni u r-radju kif ukoll stqarrijiet għall-istampa dwar it-tlestija ta' proġetti u attivitajiet;

— id-distribuzzjoni pubblika ta' rapporti u studji li jkunu tlestew;

— l-użu ta' sinjali ta' viżibbiltà tal-Unjoni;

— il-parteċipazzjoni mill-persunal tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Paċifiku f'ċeremonji tal-ftuħ, f'konferenzi u f'avvenimenti oħra;

— żjarat konġunti minn rappreżentanti tal-Gżejjer Cook u tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet fuq il-post.

Appendiċi 4

Proċessar ta' *data* personali

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "*data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-*data*"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, jew *data* ta' lokalizzazzjoni;

(b) "ipproċessar" tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq id-*data* personali jew fuq settijiet tad-*data* personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, id-divulgazzjoni bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew l-interkonnessjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(c) "awtorità trasferenti" tfisser awtorità pubblika li tibgħat *data* personali;

(d) "awtorità riċeventi" tfisser awtorità pubblika li lilha tintbagħat *data* personali;

(e) "ksur tad-*data*" tfisser ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf, l-alterazzjoni, id-divulgazzjoni mhux awtorizzata tad-*data* personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor, jew l-aċċess għaliha;

(f) "trasferiment ulterjuri" tfisser it-trasferiment ta' *data* personali minn parti riċeventi lil entità li ma hijiex firmatarja ta' dan il-Protokoll ("parti terza");

(g) "awtorità superviżorja" tfisser awtorità pubblika indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali.

Kamp ta' applikazzjoni

2. Il-persuni kkonċernati minn dan il-Protokoll huma, b'mod partikolari, persuni fiżiċi li huma sidien ta' bastimenti tas-sajd u l-aġenti tagħhom, il-kaptan u l-ekwipaġġ li jservu abbord bastimenti tas-sajd li joperaw skont dan il-Protokoll.

3. Bħala parti mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd IUU, id-*data* li ġejja tista' tiġi skambjata u pproċessata ulterjorment:

(a) l-identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-bastiment;

(b) l-attivitajiet ta' bastiment jew relatati ma' bastiment, il-pożizzjoni u l-movimenti tiegħu, u l-attività tas-sajd tiegħu jew l-attività relatata mas-sajd, miġbura permezz ta' kontrolli, spezzjonijiet jew osservaturi;

(c) *data* relatata mas-sidien tal-bastiment jew l-aġenti tagħhom, bħall-isem, in-nazzjonalità, id-dettalji ta' kuntatt professjonali u l-kont bankarju professjonali;

(d) *data* relatata ma' aġent lokali, bħall-isem, in-nazzjonalità u d-dettalji ta' kuntatt professjonali tiegħu;

(e) *data* relatata mal-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment, bħall-ismijiet, in-nazzjonalità, il-pożizzjoni tagħhom u, fil-każ tal-kaptan, id-dettalji ta' kuntatt;

(f) *data* relatata mas-sajjieda imbarkati, bħall-ismijiet, id-dettalji ta' kuntatt, it-taħriġ, iċ-ċertifikat tas-saħħa tagħhom.

Awtoritajiet responsabbli

4. L-awtorità responsabbli għall-ipproċessar tad-*data* hija l-Kummissjoni Ewropea u l-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera, għall-Unjoni, u l-Ministeru għar-Riżorsi tal-Baħar, għall-Gżejjer Cook.

Limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*

5. Id-*data* personali mitluba u trasferita skont dan il-Protokoll għandha tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw *data* personali skont dan il-Protokoll biss għall-finijiet speċifiċi stabbiliti f'dan il-Protokoll.

6. Id-*data* personali li tasal ma għandhiex tiġi pproċessata għal skopijiet oħra għajr għal dawk imsemmija fil-paragrafu 5, jew inkella għandha tiġi anonimizzata.

7. Fuq talba, l-awtorità riċeventi għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità trasferenti dwar kif tintuża d-*data* personali pprovduta.

Akkuratezza

8. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Protokoll tkun akkurata u pertinenti u li tiġi aġġornata regolarment kif meħtieġ abbażi tal-għarfien tal-awtorità trasferenti. Jekk waħda mill-Partijiet issib li d-*data* personali trasferita jew riċevuta ma tkunx akkurata, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien u għandha tipproteġiha u taġġornaha kif neċessarju.

Limitazzjoni tal-ħżin

9. Id-*data* personali ma għandhiex tinżamm aktar żmien milli jkun neċessarju għall-iskop li għalih tkun ġiet skambjata. Din għandha tinżamm għal perjodu massimu f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

Sigurtà u kunfidenzjalità

10. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'tali mod li tiġi żgurata s-sigurtà xierqa tagħha, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi tal-ipproċessar, inkluż il-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali. L-awtoritajiet responsabbli mill-ipproċessar għandhom jindirizzaw kwalunkwe ksur tad-*data* personali u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jirrimedjaw jew jimmitigaw kwalunkwe effett negattiv ta' tali ksur. L-awtorità riċeventi għandha tinnotifika tali ksur lill-awtorità trasferenti malajr kemm jista' jkun, u ż-żewġ awtoritajiet għandhom jikkooperaw kif meħtieġ ma' xulxin u fil-ħin sabiex kull Parti tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn ksur tad-*data* personali skont il-qafas legali nazzjonali tagħha.

11. Il-Partijiet jintrabtu li jimplimentaw il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw li l-ipproċessar jkun jikkonforma ma' dan il-Protokoll.

Rettifika jew tħassir

12. L-awtoritajiet trasferenti għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li d-*data* personali, kif xieraq, tiġi rettifikata jew imħassra malajr jekk l-ipproċessar ma jkunx konformi ma dan il-Protokoll, b'mod partikolari minħabba li din id-*data* ma tkunx adegwata, rilevanti, jew akkurata jew jekk tkun eċċessiva fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar.

13. L-awtoritajiet trasferenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet riċeventi bi kwalunkwe rettifika jew tħassir.

Trasparenza

14. L-Unjoni għandha tiżgura li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati, permezz ta' notifika individwali u tal-pubblikazzjoni ta' dan il-Protokoll fuq is-siti web tagħhom, dwar it-tipi ta' *data* trasferita u pproċessata ulterjorment, il-mod kif tiġi pproċessata d-*data* personali, l-għodda rilevanti użata għat-trasferiment, l-iskop tal-ipproċessar, il-partijiet terzi jew il-kategoriji ta' partijiet terzi li lilhom, ulterjorment, tista' tiġi ttrasferita l-informazzjoni, id-drittijiet individwali u l-mekkaniżmi li għandhom disponibbli biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jiksbu rimedju, u d-dettalji rigward fejn jistgħu jiftħu proċedimenti jew iressqu lment.

Trasferiment ulterjuri

15. L-awtorità riċeventi għandha tittrasferixxi *data* personali li tasal skont dan il-Protokoll lil parti terza biss jekk dan ikun iġġustifikat minn objettiv importanti ta' interess pubbliku u jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħra stabbiliti f'dan l-Appendiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*.

Drittijiet tas-suġġetti tad-*data*

16. Is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom id-dritt li jitolbu aċċess, jikkoreġu jew ineħħu *data* personali f'konformità mal-liġijiet rilevanti ta' kull Parti.

Superviżjoni

17. Għall-Unjoni, is-superviżjoni tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data* personali għandha tiġi eżerċitata mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, meta l-ipproċessar jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni, jew mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*, meta jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istat Membru tal-bandiera.

18. Għall-Gżejjer Cook, l-awtorità responsabbli hija l-Ministeru għar-Riżorsi tal-Baħar.

19. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi 17 u 18għandhom jittrattaw u jsolvu l-ilmenti relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali skont dan il-Protokoll b'mod effettiv u f'waqtu.

20. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jfittxu rimedju għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità mas-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 12 u f'dan l-Appendiċi sa fejn ikun permess mil-liġijiet rilevanti ta' kull Parti.

Skambju ta' informazzjoni

21. Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar kwalunkwe lment li jirċievu dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont dan il-Protokoll u dwar ir-riżoluzzjoni tagħhom.

Reviżjoni

22. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jkollha effett fuq l-ipproċessar tad-*data* personali.